10

# GĦARB L-EWWEL

STATUT

APRIL 2019

Kontenut

1. Isem tal-partit
2. Għanijiet
3. Indirizz uffiċjali u postali tal-partit
4. Struttura ġenerali
5. Laqgħat Ġenerali Annwali tal-partit l-Għarb
6. Sena finanzjarja tal-partit GĦ1
7. Elezzjoni tal-Mexxej u l-uffiċjali tal-partit GĦ1
8. Sħubija ta' membri fil-partit GĦ1
9. Drittijiet u dmirijiet tal-membri fil-partit GĦ1
10. Dmirijiet tal-membri
11. Status legali
12. Xoljiment tal-partit GĦ1

M.B

1. Isem tal-partit

(a) L-isem tal-partit huwa Għarb L-Ewwel (GĦ1)
(b) L-emblema tal-partit GĦ1 hija figura ta' .

2. Għanijiet
(a) GĦ1 huwa partit politiku lokali li l-għanijiet tiegħu huma li jaħdem u jistinka biex b'kull mod leġittimu jitħarsu l-interessi u l-ġid tal-lokalita' ta' l-Għarb u l-komunita' ta' l-Għarb u li, biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jikkontesta wkoll l-elezzjonijiet għall-Kunsill Lokali Għarb, kull meta jsiru, u jipparteċipa f'attivitajiet li jippromwovu l-interessi ta' l-Għarb u r-residenti tagħha.
(b) Fil-ħidma tagħha, GĦ1 hija kommessa u marbuta li tirrispetta skrupolożament u tkun konformi mal-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-iStat, kif ukoll ma' dan l-iStatut.

3. Indirizz uffiċjali u postali tal-partit
L-indirizz uffiċjali u postali tal-partit huwa 12B, Triq Frenc ta' l-Għarb, Għarb GRB 1200, Għawdex.

4. Struttura ġenerali
(a) It-tmexxija tal-partit GĦ1 tikkonsisti f'Bord tal-Amministrazzjoni ta' tliet (3) persuni li jkollhom il-kariga ta' President, Segretarju u Teżorier, rispetivament. Dawn ikunu l-uffiċjali għolja tal-partit GĦ1.
(b) Il-President tal-Bord tal-Amministrazzjoni huwa wkoll il-President tal-partit GĦ1.
(c) Il-Mexxej tal-partit GĦ1 huwa membru ex officio tal-Bord tal-Amministrazzjoni u finalment huwa kkunsidrat wkoll bħala l-Mexxej Ġenerali tal-partit.
(d) L-ismijiet ta' l-ufficjali tal-amministrazzjoni tal-partit ghandhom ikunu publici.

5. Laqgħat Ġenerali Annwali tal-partit GĦ1
(a) Kull sena, fix-xahar ta' April, trid issir il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-partit.
(b) F'din il-laqgħa l-agenda trid tinkludi, fost l-oħrajn, il-preżentazzjoni ta' Rapport Amministrattiv mis-Segretarju, Rapport Finanzjarju mit-Teżorier, Mozzjonijiet, Emendi għall-iStatut u Diskors mill-Mexxej.
(c) It-Teżorier għandu d-dmir li jipprepara l-kontijiet annwali tal-partit għall-verifika u jippreżentahom għall-approvazzjoni tal-membri tal-partit waqt din il-laqgħa ġenerali annwali.
(d) It-Teżorier għandu l-obbligu wkoll li jiżgura l-konformita' tal-partit mad-dispożizzjoni rilevanti tal-ħtiġijiet tal-kontabilita' u l-kontroll tad-donazzjonijiet u kull transazzjoni finanzjarja kollha.
(e) It-Teżorier għandu d-dmir ukoll li jwettaq kull funzjoni oħra fir-rigward tal-finanzi u r-rappurtaġġ finanzjarju tal-partit.

6. Sena finanzjarja tal-partit GĦ1
Is-sena finanzjarja tal-partit hija s-sena kalendarja, jiġifieri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

7. Elezzjoni tal-Mexxej u l-uffiċjali tal-partit GĦ1
(a) L-elezzjoni tal-uffiċjali tal-partit għandha tinżamm kull sentejn waqt l-istess Laqgħa Ġenerali Annwali tal-partit, kif issir ukoll dik tal-Mexxej tal-partit.
(b) F'din il-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn jiġu eletti l-Mexxej u l-uffiċjali tal-partit, għandha tinħatar Kummissjoni Elettorali ta' 3 membri biex tmexxi l-elezzjoni tal-Mexxej u l-uffiċjali tal-partit.
(c) Il-Kummissjoni Elettorali ssejjaħ għall-nomini tal-karigi kollha mill-membri. Kull nomina jrid ikollha sekondant.
(d) Fejn ikun hemm nomina waħda għal xi kariga/i partikolari, il-persuna nominata tkun ġiet eletta awtomatikament.
(e) F'każ li jkun hemm aktar min-nomina waħda għal xi kariga/i partikolari, il-Laqgħa Ġenerali Annwali tiġi sospiża għal siegħa (60 minuta) biex il-Kummissjoni Elettorali tagħmel it-tħejjijiet għall-elezzjoni meħtieġa li imbagħad issir minnufih malli jiskadi l-ħin stipulat.

M.B

8. Sħubija ta' membri fil-partit GĦ1

(a) Sħubija fil-partit GĦ1 hija miftuħa għal kull persuna minn sittax-il sena (16) 'l fuq li jaqbel mal-għanijiet tal-partit u jixtieq jippromovihom.

(b) Sħubija ta' membri fil-partit GĦ1 hija waħda ħielsa u ebda persuna ma tista' jiġi mġiegħla tieħu sehem jew tappartjeni għall-partit kontra r-rieda tagħha.

(c) L-ebda persuna ma tista' tiġi prekluża minn sħubija mal-partit fuq il-bażi ta' sess, razza, status finanzjarju, orjentazzjoni sesswali jew identita' tal-ġeneru.

9. Drittijiet u dmirijiet tal-membri fil-partit GĦ1

(a) Kull membru tal-partit GĦ1 huwa, f'kull ħin, intitolat li jirtira s-sħubija tiegħu mill-istess partit u dan l-irtirar għandu jkollu effett immedjat.

(b) Id-dritt tal-vot tal-membri tal-partit GĦ1 fi ħdan l-istrutturi interni tal-partit huwa soġġett għall-ħlas effettiv tad-drittijiet tagħhom ta' sħubija.

(c) Il-ħlas għal sħubija fil-partit GĦ1 hija ta' €10.00 fis-sena li trid titħallas mhux aktar tard mit-tmiem ta' Marzu ta' kull sena.

10. Dmirijiet tal-membri

(a) Il-membri tal-partit GĦ1 għandhom id-dmir li jaġixxu b'mod li jirrispettaw u javvanzaw l-għanijiet tal-istess partit.

(b) Membri li jiġu meqjusa li qed jaġixxu kontra l-istatut u/jew l-interessi tal-partit GĦ1, jistgħu jiġu soġġetti għal miżuri dixxiplinarji, inkluż l-esklużjoni tagħhom minn membri fl-istess partit.

(c) Membru li jiġi akkużat li qed jaġixxi kontra l-istatut u/jew l-interessi tal-partit GĦ1, jiġi msejjaħ quddiem il-Bord ta-Amministrazzjoni tal-partit fejn għandu d-dritt li jiddefendi ruħu u jkun megħjun minn persuna tal-għażla tiegħu, inkluż persuna legali.

(d) F'każ ta' deċiżjoni mill-Bord tal-Amministrazzjoni ta' esklużjoni mill-partit, il-membru jkollu dritt li jappella l-każ tiegħu quddiem il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-partit li jkun imiss, jew Laqgħa Ġenerali Straordinarja msejħa għal dak il-għan, u d-deċiżjoni finali tkun tal-membri kollha permezz ta' maggoranza sempliċi.

11. Status legali

L-uffiċjal li jirrappreżenta lill-partit GĦ1 b'mod gudizzjali u legali fi ħwejjeġ kuntrattwali, legali u ġudizzjarji huwa l-President tal-Bord tal-Amministrazzjoni tal-partit GĦ1.

12. Xoljiment tal-partit GĦ1

(a) Il-partit GĦ1 jiġi xolt jekk ma jkunx hemm biżżejjed membri biex jimlew il-karigi ta' uffiċjali tal-partit u/jew jekk ma jkunx hemm membru li jkun irid jassumi l-kariga ta' Mexxej tal-partit.

(b) F'każ ta' xoljiment, wara li jiġu sodisfatti l-kredituri kollha, jekk ikun il-każ, l-assi tal-partit li jkun jista' fadal jiġu mogħtija b'donazzjoni lill-Parroċċa ta'Viżitazzjoni, l-Għarb.

David Apap
President

Miriam Borg
Segretarju